L-Erbgħa 16 ta' Frar 2022

P9_TA(2022)0035

Ferroviji: titwil tal-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti – COVID-19 ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja (COM(2021)0832 – C9-0001/2022 – 2021/0437(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: L-ewwel qari)

(2022/C 342/33)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0832),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0001/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekomomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Jannar 2022 [1],

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-26 ta' Jannar 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2021)0437

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perijodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2022/312.)

---

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.